TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/29/11/S

Salvatore u Grace Mercieca
Vs
David Borg

Illum 16 ta'Mejju,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Salvatore u Grace Mercieca datata 18 ta'Jannar,2011 u r-risposta ta'David Borg datata 9 ta'Marzu,2011;

Ra d-dokumenti varji pprezentati inkluz in-noti ta'sottomissjonijiet tal-partijiet u r-rapport tal-espert Vincent E. Ciliberti, sema' lill-partijiet kif ukoll l-avukati rispettivi;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda allegat tqeghid hazin ta'madum fil-fond 33, Gardenia, Triq PG Delia, Balzan;

Illi jiher li t-talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq l-artikolu 73 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u r-rimedju mitlub hu dak li johrog mill-artikolu 76 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi min-naha l-ohra l-intimat allega (anki jekk mhux fl-eccezzjonijiet tieghu) li r-rikorrenti naqsu li jippruvaw li huma mxew fuq dak stabbilit mill-artikolu 79(1) u 79(2) tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi l-intimat kien jaf bl-ilmenti tar-rikorrenti ghax intqalu direttament lilu u ghalhekk fi kwalunkwe kaz, l-ispirtu tal-artikolu 79 gie segwit;

Illi waqt it-trattazzjoni tal-kaz, saret l-allegazzjoni li l-madum in kwistjoni kien inxtara minn socjeta u mhux mir-rikorrenti;

Illi anki jekk fattwalment gara hekk, mhemmx dubbju li dan sar f'isem ir-rikorrenti;

Illi fil-mertu, jinghad mal-ewwel li tqeghid ta' madum, jekk sarx sew jew le, hi materja teknika u kien ghalhekk li tqabbad l-espert Vincent Ciliberti ghal dan il-ghan;

Illi fid-decizjoni moghtija fid-19 ta'Novembru,2001 fl-ismijiet "Calleja vs Mifsud" il-Qorti tal-Appell argumentat li :

"*...Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta'fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*

*Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra.*

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

*"...Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta'fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*

*Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra.*

*Mill-banda l-ohra pero, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova..."*;

Illi jigi sottolineat li dan it-Tribunal, kif obbligat li jaghmel, gharbel minn lenti kritika r-rapport tal-espert pero ma ra ebda lok li jiskartah;

Illi l-espert tekniku nominat minn dan it-Tribunal kien car fil-konstatazzjonijiet tieghu u cioe li *"l-madum kif jirrizulta li gie mqieghed, tqieghed b'mod li fis-sengha tat-tqeghid tal-madum mhux accettabbli u certament mhux skond l-arti u s-sengha."*[1]

Illi skont l-espert tekniku, dan in-nuqqas ta' sengha u arti fix-xoghol maghmul, kien jinsab fil-fili ta' daqs differenti; madum mhux invellat kif suppost; qtugh tal-madum mal-hitan li sar b'mod mhux unit u b'distanzi varji bejn il-madum u l-hitan;

Illi fil-kaz odjern l-espert kien car fil-konkluzjonijiet tieghu fejn stqarr li *"x-xogholijiet mwettqa mill-intimat ma jlahhqux l-livell mistenni"*;[2]

Illi l-Qrati taghna kemm-il darba esprimew rwiehhom li l-konkluzjoni ta' espert m'ghandhiex tigi skartata b'mod legger;

Illi fil-fatt il-Qrati taghna ma jistawx jinjoraw relazzjoni peritali sakemm ma jkunux konvinti li l-konkluzjoni ta'tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta u din il-konvinzjoni trid tkun wahda motivata minn gudizzju ben infurmat, anki fejn mehtieg mill-lat tekniku[3];

Illi kif inghad mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni moghtija fit-23 ta'Gunju,1967 fil-kawza fl-ismijiet "<u>Bugeja et vs Muscat</u>":

*"...Il giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija ta'talba ghan-nomina ta'periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacebtement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli..."*;

Illi wara li gie pprezentat ir-rapport tal-espert, il-partijiet ma kkontestawx is-sustanza tal-kontenut tieghu anki ghax ir-ritratti pprezentati jitkellmu wahidhom;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert mahtur minn dan it-Tribunal;

Illi min-naha l-ohra, dan it-Tribunal ihoss li t-talba tar-rikorrenti biex jitlob il-valur kollu tal-madum, hi esagerata fic-cirkostanzi tal-kaz;

Illi r-rikorrenti ghazlu li jwaqqfu lill-intimat (wara 14-il jum u mhux mal-ewwel) milli jkompli bl-inkariku li tawh u mhux li jirranga l-izbalji maghmula;

Illi ladarba kienu r-rikorrenti li waqqfu lill-intimat milli jkompli x-xoghol, jidher li kwalsiasi riparazzjoni jew bdil ta' madum se jsir minn haddiehor;

---

[1] Pagna 4 tar-rapport imhejji mill-espert tekniku Vincent E.Ciliberti
[2] Pagna 6 tar-rapport imhejji mill-espert tekniku Vincent E.Ciliberti
[3] "<u>Cauchi vs Mercieca</u>" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 t'Ottubru,1999 u "<u>Calleja noe vs Mifsud</u>" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta'Novembru,2001.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' *in parte* t-talba ta' Salvatore u Grace Mercieca filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet ta' David Borg u Jordna lil David Borg ihallas lil Salvatore u Grace Mercieca is-somma ta' €600 stabbilita *ex aequo et bono*, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-intimat David Borg.

Richard Sladden Av.
Arbitru